# QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Appell Numru 386/2014**

**Il-Pulizija**

**vs.**

*Omissis*
**Raymond Debono**

Illum 14 ta' Diċembru 2023

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet[1] miġjuba kontra *Omissis* u l-appellant **Raymond Debono**, detentur tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 326156(M), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) talli f'Ottubru 2006 u fix-xhur u snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer kif ukoll barra minn dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-liġi u li ġew magħmula b' riżoluzzjoni waħda:

[1] *A fol.* 82 *et seq.*.

1. ippromwovew, ikkostitwixxew, organizzaw jew iffinanzjaw għaqda ta' żewġ persuni jew aktar bil-ħsieb li jagħmlu reati kriminali li għalihom jistgħu jeħlu l-piena ta' priġunerija għal żmien erba' snin jew iktar (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 83A(1) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

2. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appartjenew għal għaqda msemmija fis-sub-artikolu (1) ta' Artikolu 83A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 83A(2) u (5) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

<u>ġew akkuzati wkoll talli f'Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'diversi atti magħmulin fi żminijiet differenti, iżda li jiksru l-istess dispożizzjoni tal-ligi u li ġew magħmula b'riżoluzzjoni waħda</u>:

3. b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta' Joseph Xuereb u Josephine Xuereb (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

4. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija Joe Xuereb Investments Limited, u ta' Joseph Xuereb u Josephine Xuereb, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

5. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz

jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qliegħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta' Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

6. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra s-somma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija MRCD Limited, u ta' Antonia Cachia, Bernard Cachia u Victor Cachia, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

7. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligh b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta' Emanuel Grech u Keith Grech (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

8. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija E. Grech Cristal Bath Limited, u ta' Emanuel Grech u Keith Grech, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lihom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

9. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu ta' l-istabilliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

10. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profit għalihom jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu ta' l-istabiliment Alltiles, u ta' David Camilleri u Edmond Camilleri, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

11. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

12. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija Biedbug Development Limited, u ta' Raymond Briffa u Georgina Briffa, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-

radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

13. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta' Alexander Friggieri u Kevin Friggieri (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

14. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra, issomma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija SF Trading Limited, u ta' Alexander Friggieri u Kevin Friggieri, liema somma ġiet fdata jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

15. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamlu użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqdew b'qerq ieħor, ingann, jew billi wrew ħaġa b'oħra sabiex iġiegħlu jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqlu tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamlu qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta' Frank Gauci (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

16. fl-istess dati, lokalitajiet u ċirkostanzi, appropjaw ruħhom, billi dawwru bi profitt għalihom jew għal persuna/i oħra, is-somma ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tan-negozju Gauci Enterprises, u ta' Frank Gauci, liema somma ġiet fdata

jew ikkunsinnata lilhom taħt titolu illi jġib miegħu l-obbligu tar-radd tal-ħaġa jew li jsir użu minnha speċifikat (dan bi ksur ta' Artikoli 18, 293, 294 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

<u>Lil Raymond Debono waħdu akkużat ukoll talli</u>:

17. f'Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġieghel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddiehor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija Tatara Limited, Paul Auto Dealer, u ta' Paul Micallef (dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta);

18. f'Jannar 2004, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu ta' Anthony Ciantar u Raymond Vassallo (dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

<u>Lil *Omissis* waħdu akkużat ukoll talli</u>:

19. f'Ottubru 2006, u fix-xhur u s-snin ta' qabel, f'dawn il-Gżejjer, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi wera ħaġa b'oħra sabiex iġieghel jitwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila jew setgħa fuq ħaddieħor jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex iqanqal

tama jew biża' dwar xi ġrajja kimerika, għamel qligħ b'qerq ta' aktar minn elf lira Maltin għad-dannu tal-kumpanija Auto Valley Service Station, u ta' Carmel Borg (dan bi ksur ta' Artikoli 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta).

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta' htija, barra li tinfliggi l-pieni stabbiliti mil-liġi, tordna wkoll il-konfiska tal-oġġetti kollha eżebiti.

Il-Qorti ġiet ukoll mitluba sabiex, f'każ ta' ħtija, tikkundanna lill-imputati għall-ħlas ta' spejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali tas-26 ta' Settembru 2014, fejn il-Qorti,

- filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tal-għaxar (10), tat-tnax (12), tal-erbatax (14) u tas-sittax (16) il-imputazzjoni minħabba li ngħataw bħala alternattiva għat-tielet (3), għall-ħames (5), għas-seba' (7), għad-disa' (9), għall-ħdax (11), għat-tlettax (13), għall-ħmistax (15) u għas-sbatax (17) il-imputazzjoni,

- sabet lill-imputat mhux ħati tal-ewwel (1) u tat-tmintax (18) il-imputazzjoni u minnhom illiberatu, u

- wara li rat l-Artikoli tal-liġi ndikati mill-Avukat Ġenerali fin-Nota ta' Rinviju għall-Ġudizzju tad-19 ta' Ġunju 2012 u senjatament Artikoli 17, 18, 23, 31, 83A(2) u (5), 308, 309 u 310 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, sabet lill-imputat ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5), tas-seba' (7), tad-disa' (9), tal-ħdax (11), tat-tlettax (13), tal-ħmistax (15) u tas-sbatax (17) il-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu erba' (4) snin priġunerija.

Rat ir-Rikors tal-appellant ippreżentat fit-8 ta' Ottubru 2014 fejn talab lil din il-Qorti sabiex: "*tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-esponent ġie liberat mill-ewwel u tmintax l-imputazzjoni, u fejn l-Ewwel Qorti astjeniet milli tieħu konjizzjoni tal-imputazzjonijiet enumerati bħala erbgħa, sitta, tmienja, għaxra, tnax, erbatax u sittax, u tirriforma s-sentenza appellata billi tirrevokaha fejn instab ħati tal-imputazzjonijiet enumerati tnejn, tlieta, ħamsa, sebgħa, disgħa, ħdax, tlettax, ħmistax u sbatax, u fejn ġie kkundannat għal erba' snin priġunerija, kif intqal fuq u konsegwentement tilliberah minn kull ħtija u piena. Sussidjarjament f'każ li din il-Qorti ma tilqax dan l-appell sa fejn qed jintalab li l-esponent jiġi liberat mill-akkużi kollha kontrih, tirriforma s-sentenza appellata billi tinfliġġi piena minuri ossia inferjuri għal dik appellata, jew li timponi sentenza karċerarja sospiża għaż-żmien li din l-Onorabbli Qorti jidhrilha xieraq u opportun.*"

Rat l-atti u d-dokumenti kollha.

Rat illi dan l-appell ġie assenjat lil din il-Qorti kif preseduta fid-9 ta' Jannar 2023 b'"Assenjazzjonijiet ta' Kawżi u Doveri" mogħti mis-S.T.O. Prim'Imħallef Mark Chetcuti.

Rat iż-żewġ sentenzi preliminari mogħtija minn din il-Qorti diversament preseduta fit-28 ta' Novembru 2016 (*a fol.* 603 *et seq.*) u fis-27 ta' Frar 2017 (*a fol.* 618 *et seq.*) fejn fihom ġew miċħuda numru ta' eċċezzjonijiet imressqa mill-appellant.

Rat il-fedina penali aġġornata tal-appellant eżebita mill-Prosekuzzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Rat it-traskrizzjoni tas-sottomissjonijiet bil-fomm li kienu saru quddiem din il-Qorti kif diversament preseduta.

Semgħet, fis-seduta tad-9 ta' Novembru 2023, lill-konsulent legali tal-appellant u lill-avukat mill-Uffiċju tal-Avukat Ġenerali jagħmlu sottomissjonijiet bil-fomm u dana b'żieda ma' dak li kien diġa' ġie sottomess quddiem din il-Qorti diversament preseduta.

**Ikkunsidrat**

Illi din hija sentenza dwar appell minn sentenza mogħtija mill-Ewwel Qorti fis-26 ta' Settembru 2014.

Illi għal kull buon fini jingħad li l-imputazzjonijiet riprodotti hawn fuq f'din is-sentenza kienu oriġinarjament addebitati bil-mod kif imsemmi fil-konfront kemm tal-appellant allura imputat kif ukoll ta' persuna oħra bl-isem ta' David Coleiro. Jingħad ukoll li fis-seduta tas-16 ta' Mejju 2008 (*a fol.* 151) miżmuma quddiem l-Ewwel Qorti, l-Ewwel Qorti ordnat is-separazzjoni tal-ġudizzju bejn dawn iż-żewġ persuni peress li Coleiro kien assenti minn dawn il-Gżejjer.

Illi l-fatti fil-qosor ta' dan il-każ kienu s-segwenti: Il-Pulizija aġixxiet wara diversi rapporti magħmula minn persuni fil-kummerċ f'Ottubru 2006. Saru allegazzjonijiet ta' aġir frawdolenti da parti tal-appellant Raymond Debono u ta' David Coleiro. David Coleiro kien javviċina lill-kummerċjanti biex jagħmlu negozju miegħu billi jiffinanzjaw ix-xiri u l-importazzjoni ta' prodotti tal-kmamar tal-banju. Huwa kien jgħid li diġa' kellu l-bejgħ ta' dawn il-prodotti iżda li hu ma kellux finanzi biżżejjed biex iġib dawn il-prodotti u għalhekk kien idaħħal lilhom fin-negozju. Coleiro imbagħad kien jintroduċihom mal-appellant Debono kif ukoll jidher bħala intermedjarju għal terzi persuni barranin li riedu jixtru l-prodotti. Saħansitra ġieli ħa ċerti negozjanti miegħu ċ-Ċina sabiex jaraw il-prodotti li kienu ser jinġabu Malta. Raymond Debono kien jgħid li għandu ħafna kuntatti. Iżda t-tranżazzjonijiet ma kinux isiru wara li l-prodotti jinġabu Malta. In-negozjanti kienu jsibu ruħhom b'ħafna *stock* għal xejn liema *stock* kien ta' kwalita' inferjuri għall-prezz li jkunu ħallsu. Fost in-negozjanti, Joe Xuereb Investments ħallsu 80,000 dollaru Amerikan biex David Coleiro jġib il-madum. E. Grech Crystal Baths ħallsu 11,000 dollaru Amerikan biex David Coleiro iġib ix-*shower cubicles*. David Camilleri ħallas 85,000 dollaru Amerikan biex l-istess David Coleiro jġib erba' mitt (400) bieb miċ-Ċina. Raymond Briffa kien għadda 80,000 dollaru Amerikan lil

David Coleiro waqt li saru rapporti wkoll minn Alex Friggieri u Frank Gauci.

Illi l-Qorti ser tgħaddi issa sabiex il-konsiderazzjonijiet tagħha dwar l-aggravji mressqa mill-appellant fir-Rikors tal-appell tiegħu.

**Ikkunsidrat**

Illi l-ewwel aggravju tal-appellant jista' jkun sintetizzat kif ġej. L-appellant jisħaq li kien David Coleiro li kien jagħmel in-negozjati msemmija skont ix-xhieda mressqa mill-Prosekuzzjoni stess u li hu (l-appellant) ma kellu ebda *mens rea* li ssir xi frodi. Jgħid li kien David Coleiro li ntroduċa persuna Ċiniża lill-vittmi tiegħu u li x-xhieda kienu jafu lil David Coleiro u li saru jafuh (lill-appellant) wara li David Coliero kien introduċieh. Isostni li l-iskop ta' David Coleiro kien li jipproteġi ruħu milli b'xi mod jinqabeż jekk jiġu svelati min huma l-kuntatti Libiċi tiegħu. Jargumenta li huwa tassew li huwa għamel ħlasijiet akkont tal-ordnijiet li huwa effettwa bħal xerrej ossia aġent ta' nies Libiċi pero' altrimenti l-operat kollu sar minn David Coleiro waħdu. Jgħid li x-xhieda qalu li kienu ingannati sabiex jidhlu fin-negozju propost ta' David Coleiro għaliex hu (l-appellant) qal li huwa kien jirrappreżenta klijenti esteri. Iżda, skont hu dan il-fatt biss ma joħloq l-ebda ħtija fil-konfront tiegħu. Isostni li l-*mens rea* tiegħu (tal-appellant) ma ġietx ippruvata u li minkejja li jista' jkun li kien inġenwu, pero' b'daqshekk mhux frodist. Jgħid li minn imkien ma jirriżulta li hu kien konsapevoli tal-ħsieb ta' David Coleiro li kien igawdi l-fiduċja għamja tan-negozjanti u jisħaq li l-ħsieb tiegħu (tal-appellant) kien biss li jirnexxi n-negozju. L-appellant jissottometti li saħansitra wieħed mix-xhieda, David Camilleri, semgħu (lill-appellant) jirrabja ma' David Coleiro fuq it-telefon talli daħħlu f'biċċa bħal din. Jgħid li l-Ewwel Qorti ma kellhiex tasal għall-konklużjoni li hu kien ko-awtur u li l-aktar li wieħed jista' jasal biex jgħid hu li hu (l-appellant) qal gidba iżda l-gidba ma tammontax għall-frodi. Jgħid li hu ma għamel ebda raġġir jew xi *messa in scena* biex isaħħaħ il-gidba. Huwa kien jiddaħħal wara li David Coleiro jkun avviċina l-vittmi tiegħu.

Illi dan l-appell huwa appell dwar l-apprezzament tal-fatti magħmul mill-Ewwel Qorti. Dwar dan, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fil-25 ta' Novembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Joseph Tabone** (Numru 421/2013), fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "Illi huwa spiss affermat fil-ġurisprudenza illi mhuwiex normali illi din il-Qorti ta' revizjoni tiddisturba l-apprezzament dwar il-provi magħmul mill-Ewwel Qorti jekk tasal għall-konklużjoni li dik il-Qorti setgħet raġonevolment u legalment tasal għall-konklużjoni li tkun waslet għaliha. Il-Qorti għalhekk eżaminat mill-ġdid l-atti proċesswali, inkluż id-dokumenti kollha eżebiti u t-testimonjanzi tax-xhieda li ddeponew quddiem l-Ewwel Qorti, biex b'hekk tkun f'posizzjoni aħjar tevalwa jekk dan l-apprezzament hekk magħmula mill-Ewwel Qorti kienx wieħed raġjonevolment u legalment validu.[2]"

Illi għalhekk dak li trid tagħmel din il-Qorti huwa li tistħarreġ jekk bil-provi mressqa l-Ewwel Qorti setgħetx tasal għad-deċiżjoni li waslet għaliha.

Illi jirriżulta li l-Ewwel Qorti sabet lill-appellant allura imputat ħati taħt Artikolu 83A(2) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta – jiġifieri li kien jappartjeni għal għaqda msemmija f'Artikolu 83A(1) tal-istess Kapitolu stante li ma rriżultax suffiċjentement ippruvat li

---

[2] Ara, fost oħrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Ġunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Diċembru 2004; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **Ir-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Diċembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

huwa kkosititwixxa jew iffinanzja tali għaqda. L-Ewwel Qorti sabitu ħati wkoll tar-reat ta' truffa f'diversi imputazzjonijiet jiġifieri it-tielet (3), il-ħames (5), is-seba' (7), id-disa' (9), il-ħdax (11), it-tlettax (13), il-ħmistax (15) u s-sbatax (17) il-imputazzjoni.

Illi skont is-sentenza mogħtija fis-27 ta' Mejju 1975 fl-ismijiet **Rex vs. Victorio Azzopardi** (Vol. XXIX.IV.398) biex jissussisti r-reat ta' truffa l-manuvri jridu jkunu ta' natura li jimpressjonaw bniedem ta' prudenza u sagaċja ordinarja, li jridu jkunu frawdolenti u li hu neċessarju li jkunu impjegati biex jipperswadu bl-assistenza ta' fatti li jqajmu sentimenti kif hemm indikat fil-liġi. F'dik il-kawża ssemmiet ukoll is-sentenza **Regina versus Giuseppe Galea** tat-12 ta' Mejju 1887 fejn ġie stabbilit illi:

> *"che per costituire la frode sotto la disposizzione di quel articolo 282 (illum 308) non é necessaria la concorrenza fi ambedue i mezzi menzionati nell'atto di accusa essendo sufficiente l'impiego di inganno o di simulazione per persuadere l'esistenza di un credito immaginario anche senza un'artifizio contrario ai regolamenti."*

Illi dwar l-artifizzji hemm diversi sentenzi tal-Qrati tagħna fejn senjatament fis-27 ta' Mejju 1944 fis-sentenza **Il-Pulizija vs. Nikol Bonnici** ngħad hekk:

> "il-Qorti t'isfel fis-sentenza tagħha.....waslet għal konklużjoni illi hemm bżonn biex ikun reat taħt l-Artikolu 309 (illum 308) illi dak il-kliem ikun akkumpanjat minn apparat estern li jsaħħah il-kelma stess fil-menti tal-iffrodat. Din it-teżi hija dik aċċettata fil-ġurisprudenza ta' din il-Qorti anke kolleġġjalment komposta fil-kawża ***Regina versus Francesco Cachia u Charles Beck*** deċiża fit-2 ta' Jannar 1896 li fiha intqal illi *"quel articolo non richiede solamente una asserzione menzoniera e falsa, ma richiede inoltre che siano state imegate inganno, raggiro o simulazione, ed é necessario quindi che la falsita' assertiva sia accompagnata da qualche atto diretto e dalla fede.""*

Illi fis-sentenza mogħtija fit-30 ta' Diċembru 2004 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Carmela German** (Numru 130/2003), din il-Qorti qalet hekk:

> "In tema legali ġie ritenut minn din il-Qorti fis-sentenza tagħha tat-12 ta' Frar, 1999 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Anthony Francis Willoughby** li:
>
> > "Fil-liġi tagħna biex ikun hemm it-truffa jew il-frodi innominata irid ikun ġie preparat mill-aġent xi forma ta' ingann jew qerq, liema ingann jew qerq ikun wassal lill-vittma sabiex tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti qligħ għall-aġent (***Il-Pulizija v. Emmanuele Ellul***, App. Krim., 20/6/97; ara wkoll ***Il-Pulizija v. Daniel Frendo***, App. Krim., 25/3/94). Dan it-telf ħafna drabi jkun jikkonsisti filli l-vittma, proprju għax tkun ġiet ingannata, volontarjament tagħti xi ħaġa lill-aġent (***Il-Pulizija v. Carmel Cassar Parnis***, App. Krim., 12/12/59, Vol. XLIII.iv.1140). Jekk l-ingann jew qerq ikun jikkonsisti f'"raġġiri o artifizi" – dak li fid-dottrina jissejjaħ ukoll *mise en scene* – ikun hemm it-truffa; jekk le, ikun hemm ir-reat minuri ta' frodi innominata (jew lukru frawdolent innominat) (ara, fost oħrajn, ***Il-Pulizija v. Carmelo Cassar Parnis***, App. Krim., 31/10/59, Vol. XLIII.iv.1137; ***Il-Pulizija v. Francesca Caruana***, App. Krim., 25/7/53, Vol. XXXVII.iv.1127; ara wkoll ***Il-Pulizija v. Giuseppe Schrainer***, App. Krim., 3/3/56)."
>
> Kwantu għall-kwistjoni mqajjma mill-appellanti u ċioè jekk il-"gidba sempliċi" – a differenza tal-artifizji u raġġiri – tistax tammonta ossia twassal għar-reat ta' frodi innominata, ir-risposta hija ċertament fl-affermattiv, <u>basta li tali gidba tkun effettivament tammonta għal</u>

“qerq”, ċioè tkun intiża jew preordinata sabiex il-persuna l-oħra (il-vittma) tagħmel jew tonqos milli tagħmel xi ħaġa li ġġibilha telf patrimonjali bil-konsegwenti arrikkiment għal min jgħid dik il-gidba, u basta, s'intendi, li tkun effettivament waslet għal dan it-telf minn naħa u arrikkiment min-naħa l-oħra.”

Illi din il-Qorti tinnota li mill-atti proċesswali jirriżulta, fost l-oħrajn, is-segwenti:

- Dwar imputazzjoni numru tlieta (3) ingħad li kien David Coleiro li mar u ħajjar li jinxtara l-madum. Coleiro ħa lill-appellant u l-appellant qallu li kellu xi klijenti Lebaniżi li xtaqu jixtru xi *bath trays*, *shower cubicles* u banjijiet.

- Dwar imputazzjoni numru ħamsa (5) xehed **Bernard Cachia**. Huwa qal li Coleiro kien infurmah li Raymond Debono kien relatat ma' tas-Seabank.

- Dwar imputazzjoni numru sebgħa (7) xehed **Keith Grech**. Kien l-appellant li talbu sitt mitt *shower cubicle* u kien l-appellant ukoll li tahom id-depożitu. Jgħid li l-klijent kellu jkun barrani u li x-*shower cubicles* għadhom għandu (għand ix-xhud) u li l-barrani kien fittizju u qatt ma wasal.

- Dwar imputazzjoni numru disgħa (9) jirriżulta mix-xiehda ta' **David Camilleri** li kien David Coleiro li kien avviċinah biex jixtri madum kif ukoll bibien. Coleiro kien qallu li kellu klijenti lesti li jixtru l-bibien. L-appellant daħal fix-xena meta Coleiro ppreżentah bħala “tas-Seabank” u ħa miegħu flus kontanti, qallu biex jagħmillu ordni u ffirma l-*invoice*. L-appellant kien mar għandu u qallu li ma kienx hemm problema kif ser jitħallsu tal-bibien. Jingħad li saret telefonata bejn Coleiro u l-appellant u dawn bdew jillitikaw bejniethom. Skont Camilleri, l-appellant qallu li hu (l-appellant) kien *partner* tas-Seabank (*a fol.* 464). L-appellant kien qallu li ried ix-xogħol għal-lukanda Seabank.

- Dwar imputazzjoni numru ħdax (11) xehed **Raymond Briffa**. F'dan il-każ ukoll kien David Coleiro li qal li kellu klijent (Raymond Debono) li jaħdem f'xi ambaxxata. Ix-xhud kien tela' ċ-Ċina ma' David Coleiro u kien xtara b'Lm40,500 madum. *A fol.* 98 huwa jgħid li ż-żewġ imputati kienu aċċertawh li din kienet *gimmick* iżda li l-madum kienu ser isibu l-bejgħ tiegħu. Iżda l-madum ma nbiegħx u ma kienx tajjeb għal Malta.

- Dwar imputazzjoni numru tlettax (13) xehed **Alexander Friggieri**. Jgħid li kien ċerta Pillow li introduċa lil Coleiro u lil Raymond Debono. Jgħid li Debono kellu xi ħadd biex jixtri x-xogħol minn għandu. Jixhed li huwa kien siefer ma' Coleiro biex jaraw ix-xogħol, li ċ-ċekk ma ssarraf qatt u li x-xerrej tal-oġġetti ma deher qatt. Huwa nnega li kien jaf lil Coleiro qabel ma kien jaf lil Debono u kien introduċihom Pillow. Jgħid li n-negozju sar ma' David Coleiro u Debono u li dan tal-aħħar daħal ukoll fit-teknika. Jgħid li qatt ma kien kellimhom separatament.

- Dwar imputazzjoni numru ħmistax (15) xehed **Frank Gauci**. Kien Coleiro li avviċinah biex jixtri l-madum u qallu li kien hemm xi ħadd lest biex jixtri dan ix-xogħol. Għoxrin minuta wara li ltaqa' ma' Coleiro wasal l-appellant. Raymond Debono kien ikkonfermalu li kien ħallas 43,000 dollaru Amerikan. Barra dan l-appellant baqa' jinsisti li jagħmel ftehim ieħor fejn ikun involut Coleiro wkoll u għalhekk ma ffirmax id-dokument. Il-madum baqa' ma rahx. Huwa għamel verifiki maċ-Ċina u sab li effettivament il-prezz tal-madum kien differenti minn dak li kien qallu David Coleiro. Fil-<u>kontro-eżami</u> qal li ma ra ebda dispjaċir minn naħa tal-appellant dwar ir-relazzjoni ma' Coleiro għaliex dawn iż-żewġ persuni kienu qrib ta' xulxin.

- Dwar imputazzjoni numru sbatax (17) xehed **Paul Micallef** fejn qal li kien mar l-appellant li tah ċekk ma kienx jissarraf. Jgħid li kien ħa x-xogħol dak il-ħin u ħallas dak il-ħin.

Illi l-appellant allura imputat xehed quddiem l-Ewwel Qorti. Huwa eżebixxa Dok. "RD 1" (*a fol.* 501) li juri li hu kien irċieva elf lira Maltin (Lm 1000) bħala self minn għand David Camilleri. Dan sar fl-4 ta' Mejju 2005. Huwa xehed li kien ilu jaf lil David Coleiro xi sentejn jew tlieta qabel. Coleiro laqqgħu ma' xi Libjani u ftehmu li l-appellant jirrappreżentahom. Qabel ma jidħlu għand xi azjenda jew ħanut David Coleiro kien jagħtih il-flus. L-appellant kien jagħmilha ċara li huwa jrid jirrappreżenta lil-Libjani. Coleiro kien jidher ħbieb tan-nies li laqqgħu magħhom u l-appellant qatt ma kien siefer iċ-Ċina. Meta l-affarijiet ma ġewx sew kien Grech l-aktar insistenti. Ċempillu ħaddieħor ukoll imma kien imur jirranġa kollox Coleiro. Huwa m'għaddilux minn rasu li Coleiro kien qed jagħmel xi qerq. <u>Fil-kontro-eżami</u> huwa qal li qatt ma kienu tkellmu dwar kemm kienet ser tkun il-*commission*. Barra dan huwa qatt ma kien iltaqa' mas-*suppliers*. Jgħid li Coleiro ma riedx ilaqqa' l-Libjani mal-Maltin għaliex il-Maltin imbagħad jiltaqgħu mal-Libjani direttament.

Illi minn dak imniżżel hawn fuq u mill-atti proċesswali jirriżulta li l-inizzjattiva kienet f'idejn Coleiro. L-appellant jissottometti li ma kinitx ippruvata l-*mens rea* tiegħu jew li hu daħħal xi ħaġa minn dak kollu li rriżulta.

Illi din il-Qorti kkunsidrat sew l-istqarrija tal-appellant fejn hu ċaħad li hu kien b'xi mod imdaħħal fir-reati imputati lilu. Mill-atti proċesswali jirriżulta li meta l-appellant allura imputat ħa l-pedana tax-xhieda quddiem l-Ewwel Qorti, għalkemm huwa jgħid li qatt ma kien determinat l-ammont tal-*commission*, b'danakollu l-possibilita' li tittieħed *commission* kienet hemm.

Illi din il-Qorti tqis li mill-provi jirriżulta li kien Coleiro l-moħħ wara dak kollu li ssuċċeda. Jirriżulta wkoll li meta ffirma huwa ffirma bħala Raymond Debono u mhux għan-nom ta' xi ħadd ieħor, b'mod partikolari għan-nom tas-Seabank. Il-provi juru wkoll li kien Coleiro li tella' xi negozjanti miegħu ċ-Ċina u mhux l-appellant. Minkejja dan, l-appellant kien jaf li Coleiro kien:

(a) introduċih bħala persuna li għandha x'taqsam mas-Seabank;

(b) jgħaddilu l-flus qabel ma jkellmu xi negozjant sabiex imbagħad il-flus jippreżentahom l-appellant stess bil-għan li l-fondi jidhru li ġejjin minn għandu u mhux minn għand Coleiro;

(c) introduċih ukoll bħala l-persuna li għandha x-xerrejja barranin sabiex dawn ikunu jistgħu jixtru l-affarijiet li kellhom jinġabu miċ-Ċina.

Illi skont Alex Friggieri n-negozju sar ma' Coleiro u mal-appellant u li l-appellant daħal fit-teknika wkoll. Skont Paul Micallef kien mar l-appellant b'ċekk li ma kienx jissarraf waqt li fil-każ li kienet involuta fih l-MRCD, barra li Coleiro kien irrefera għall-appellant bħala li kellu x'jaqsam mas-Seabank, kien mar l-appellant stess biċ-ċekk iffirmat f'ismu u dan ma ssarrafx. F'każ ieħor, dak fejn xehed Keith Grech, kien l-appellant li talbu sitt mitt *shower cubicle* u kien l-appellant ukoll li tahom id-depożitu li kien jammonta għal tlitt elef Lira Maltin (Lm 3,000). Il-barrani kien fittizju u qatt ma wasal.

Illi ma' dak kollu li għadu kemm ingħad irid jiġi kkunsidrat ukoll x'intqal mill-appellant lil Frank Gauci. L-appellant kien qallu lil Frank Gauci li hu x-xerrej u li kien ser jibgħat l-affarijiet Dubai. Fil-każ ta' Joe Xuereb, Coleiro ħa lill-appellant għand ix-xhud u l-appellant qallu li kellu xi klijenti Lebaniżi li xtaqu jixtru xi *bath trays*, *shower cubicles* u banjijiet. Jirriżulta b'mod ċar li l-appellant ħa sehem attiv. Fl-aħħarnett, skont ix-xiehda ta' David Camilleri, l-appellant ukoll qallu li kien *partner* tas-Seabank.

Illi din il-Qorti għamlet dan l-eżerċizzju ta' hawn fuq sabiex tistabbilixxi jekk is-sehem tal-appellant kienx ta' darba biss jew jekk kienx ripetut. Din il-Qorti riedet ukoll tagħmel apprezzament tal-fatt li mill-provi jidher li kien hemm telefonata li setgħet tinstema' fejn l-appellant kien irrabjat għal David Coleiro għaliex *"kien daħħlu f'din il-biċċa wkoll."* Il-Qorti mhijiex teskludi li saret din it-telefonata u li l-kliem qalhom l-appellant li jkomplu jippruvaw kemm kien David Coleiro li kellu l-inizzjattiva. B'danakollu dak hawn fuq imsemmi juri: (a) li l-appellant kien ko-

parteċipi f'diversi każijiet ta' truffa u (b) li kien hemm it-tama li titħallas xi kummissjoni.

Illi huwa immaterjali jekk il-*commission* tħallsitx jew le għaliex l-intenzjoni tal-appellant kienet li jdaħħal xi ħaġa minn dan kollu. Lanqas m'hemm skuża li għax fiż-żmien David Coleiro kien għen lill-appellant fin-negozju tal-*mobiles* allura issa kien hemm xi obbligu li jidħol f'dawn ir-reati.

Illi fir-rigward tat-tieni (2) imputazzjoni li l-appellant allura imputat insab ħati tagħha, din il-Qorti tinnota li dan huwa każ fejn żewġ persuni wettqu diversi reati flimkien fejn wieħed minnhom kien l-appellant. Dan jinkwadra sew fit-tieni (2) imputazzjoni.

Illi, meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq, l-Ewwel Qorti kienet korretta meta sabet ħtija fl-appellant allura imputat fir-rigward tal-imputazzjonijiet li nstabet ħtija fihom u għaldaqstant l-ewwel aggravju qed ikun miċħud.

**Ikkunsidrat**

Illi t-<u>tieni aggravju</u> tal-appellant huwa li l-piena erogata mill-Ewwel Qorti kienet waħda eċċessiva. L-appellant jisħaq li hemm lok ta' temperament fil-piena u dana dejjem f'każ li l-apprezzament tal-fatti mill-Ewwel Qorti ma jiġix disturbat. Jgħid li *se mai* għandu jingħata sentenza ta' priġunerija t-terminu ta' liema jkun wieħed sospiż. Jgħid li l-involviment tiegħu kien wieħed minuri u li l-fedina penali tiegħu hija waħda relattivament nadifa. Jgħid li huwa mhux persuna ta' karattru kriminali.

Illi dwar dan l-aggravju din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza mogħtija fl-20 ta' Diċembru 2022 fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Wajdi Lazhir Benhamed** (Numru 386/2022) fejn din il-Qorti diversament preseduta qalet hekk:

> "10. Issa, għal dak li jirrigwarda appelli minn piena, huwa paċifiku li sabiex Qorti tal-Appell tibdel il-piena li

tkun erogat l-ewwel Qorti, irid jirriżultalha li tali piena tkun żbaljata fil-prinċipju jew manifestament eċċessiva. [...]

11. Mill-banda l-oħra din il-Qorti trid tagħmel l-evalwazzjoni tagħha dwar jekk il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) applikatx piena li kienet manifestament eċċessiva meta wieħed jieħu kont ukoll tal-aspetti retributtivi u preventivi tas-sentenza emessa minnha."

Illi l-Qorti taqbel ma' dak hawn fuq ikkwotat u tagħmlu tagħha. Ma jirriżultax li l-Ewwel Qorti imponiet piena li tista' tissejjaħ eċċessiva u dana tenut tan-natura tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-appellant allura imputat u li huwa ġie misjub ħati tagħhom. Minkejja dan, meħud in konsiderazzjoni ż-żmien li din il-kawża damet tinstema' (kemm quddiem l-Ewwel Qorti u kif ukoll fi stadju ta' appell) u meħud in konsiderazzjoni l-fedina penali aġġornata tal-appellant li ġiet eżebita quddiem din il-Qorti kif preseduta, din il-Qorti ser tilqa' l-aggravju in eżami fis-sens li ser tnaqqas il-piena ta' priġunerija mpost mill-Ewwel Qorti. Ovvjament din il-Qorti ser iżżomm f'moħħha wkoll li l-piena fil-konfront tal-appellant għall-imputazzjonijiet li huwa nstab ħati tagħhom kienet aktar favorevoli għalih fiż-żmien tal-akkadut u dana meta paragunat mal-lum. Għal kull buon fini jingħad li din il-Qorti ma tarax li hemm lok li f'dan il-każ tappika Artikolu 28A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tilqa' *in parte* l-appell imressaq mill-appellant Raymond Debono u tgħaddi għalhekk biex tirriforma s-sentenza appellata billi:

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn ma sabitx lill-appellant ħati tal-ewwel (1) u tat-tmintax (18) il-imputazzjoni u li minnhom ġie liberat;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tar-raba' (4), tas-sitt (6), tat-tmien (8), tal-għaxar (10), tat-tnax (12), tal-erbatax (14) u tas-sittax (16) il-imputazzjoni;

- tikkonferma dik il-parti tas-sentenza appellata fejn sabet lill-appellant ħati tat-tieni (2), tat-tielet (3), tal-ħames (5), tas-seba' (7), tad-disa' (9), tal-ħdax (11), tat-tlettax (13), tal-ħmistax (15) u tas-sbatax (17) il-imputazzjoni;

- tħassar u tirrevoka dik il-parti tas-sentenza appellata fejn l-appellant ġie kkundannat erba' (4) snin priġunerija u minflok tikkundannah tliet (3) snin priġunerija.

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**